**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L–ISKOLA SEKONDARJA 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA** **STORJA (ĠENERALI)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** __________________

## A: Aħdem billi jew __timla l-vojt__, jew __taqta' sing__, jew __timmarka__ t-tweġibiet it-tajbin:

Fl-istampa jidher il-monument lil Sir Thomas Maitland li jinsab fil-Barrakka ta' Fuq.



1. Thomas Maitland kien l-ewwel (Prim Ministru, Gvernatur, Granmastru, President) ta' Malta. (1)

2. Semmi riforma importanti li daħħal f'Malta Thomas Maitland:

   ________________________________________

   ________________________________________ (1)

3. L-Ingliżi bdew iniżżlu s-suldati tagħhom f'Malta (qabel, waqt, wara) l-Imblokk, biex jgħinu lill-Maltin ikeċċu lill-(Franċiżi, Kavallieri, Aragoniżi, Anġuvini) minn Malta. (2)

4. Għall-ewwel il-Maltin kellhom tama li l-Ingliżi se jagħtuna **PROTEZZJONI** imma jħallulna sehem fit-tmexxija ta' pajjiżna. Il-mexxejja tal-Maltin urew din it-tama meta:
   (a) ħarġu għaxar liġijiet f'daqqa
   (b) għamlu dimostrazzjoni fil-Belt Valletta
   (ċ) ħarġu d-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Poplu Malti u Għawdxi (1)

5. Matul is-Seklu 19 il-Gvernaturi Ingliżi f'Malta kienu jmexxu l-Gżejjer Maltin waħedhom. Spiss kien ikollhom (Kunsill tal-Gvern, Parlament żgħir, Dipartiment) għall-pariri. (1)

6. L-Ingliżi daħħlu l-libertà ta' l-Istampa f'Malta fis-sena 1839. B'liema **TLIET** lingwi bdew joħorġu l-gazzetti f'Malta?

   (a) ____________________ (b) ____________________ (ċ) ____________________ (3)

7. Liema liġi oħra importanti daħlet f'Malta flimkien mal-liġi tal-libertà ta' l-Istampa fl-1839?

   ________________________________________________________________ (2)

8. Bejn Jannar u Ġunju 1919, it-Tabib Filippo Sciberras (ritratt fuq il-lemin) irnexxielu jgħaqqad lill-Maltin biex jitolbu lill-Gvern Ingliż jagħtina sehem fit-tmexxija ta' pajjiżna. Filippo Sciberras għaqqad lill-Maltin permezz ta' (Parlament Malti, Għaqda tal-Każini, Assemblea Nazzjonali). (1)



9. Fir-ritratt t'hawn taħt jidher il-monument lill-vittmi tas-Sette Giugno. Kemm hemm ismijiet ta' vittmi miktuba fuq dan il-monument? ______________ (1)




10. Agħti raġuni waħda għala ġraw l-irvellijiet tas-Sette Giugno:

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (1)

11. Ftit wara l-irvellijiet tas-Sette Giugno, il-Gvern Ingliż tana kostituzzjoni tajba. Dan ġara fl-1921, sentejn biss wara l-irvellijiet. Din il-kostituzzjoni hija magħrufa bħala l-Kostituzzjoni tal-Gvern Responsabbli. Agħti raġuni **waħda** għaliex din il-kostituzzjoni hija meqjusa bħala waħda tajba ħafna:

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (2)

12. In-nisa Maltin ivvutaw fl-elezzjonijiet ġenerali għall-ewwel darba (fl-1921, fl-1947, fl-1964, fl-1971). (1)

13. Il-Kostituzzjoni ta' l-1964 hija magħrufa bħala l-Kostituzzjoni (tal-Gvern Rappreżentattiv, tar-Repubblika, ta' l-Indipendenza). (1)

14. Fl-1974, permezz ta' bidliet fil-Kostituzzjoni, Malta saret (Ħielsa, Indipendenti, Membru fl-Unjoni Ewropea, Repubblika). (1)

15. Fis-sena 2004 Malta saret (Indipendenti, Repubblika, Membru Sħiħ fl-Unjoni Ewropea, Monarkija). (1)

**(Total eżerċizzju A = 20 marka)**

## B: Aqra u wieġeb bil-għajnuna ta' l-istampi:

Hawnhekk tista' tara żewġ ritratti li juruna żvilupp fil-fortifikazzjonijiet.

**Ritratt 1** jurina l-Forti Sant Jiermu. Dan il-forti nbena mill-Kavallieri u wara ssaħħaħ sew mill-Ingliżi.

**Ritratt 2** jurina l-Forti Campbell ħdejn Selmun li kien l-aħħar forti mibni mill-Ingliżi f'Malta.

| Ritratt 1 | Ritratt 2 |
|---|---|
|  |  |

1. Aqta' sing taħt iż-żewġ fortifikazzjonijiet li ġew mibnija mill-Kavallieri u msaħħa sew fi żmien il-ħakma Ingliża f'Malta: FORTI DELIMARA, FORTI SANT'ANĠLU, FORTI PEMBROKE, FORTI BENGĦAJSA, FORTI SAN LUĊJAN. (2)

2. Aqta' sing taħt iż-żewġ fortifikazzjonijiet li ġew mibnija mill-bidu sa l-aħħar mill-Ingliżi: FORTI SAN ROCCO, FORTI SANTA MARIJA F'KEMMUNA, CORRADINO LINES, FORTI WIGNACOURT F'SAN PAWL IL-BAĦAR (2)

3. Agħti raġuni waħda għaliex l-Ingliżi, fit-tieni nofs tas-Seklu 19, ma setgħux ikomplu jużaw il-fortifikazzjonijiet tal-Kavallieri biss imma kellhom jibnu fortizzi ġodda:

_______________________________________________

_______________________________ (2)



**Aqra**: Fir-ritratt qed tara l-kanun tar-Rinella.

"............. (il-kanun) ....... jaħdem bl-istim, seta' jispara balla kbira kull sitt minuti .... *shell* jew balla waħda tiżen tunnellata u l-kanun iwassalha tul ta' 8 mili (mill-Belt Valletta sal-Mellieħa). Il-kanun kien kapaċi jifqa' 21 pulzier (65 ċentimetru) ta' ħadid. Balla waħda kienet tqum 2,700 xelin. Dak iż-żmien suldat kien jaqla' xelin wieħed kuljum bħala paga."
(*Silta mill-brochure maħruġ mill-Fondazzjoni Wirt Artna*)

4. Fejn kien hemm kanun ieħor bħal dak tar-Rinella? ________________________________ (1)

5. Mis-silta li għadek kemm qrajt, kif tinduna li, għall-Ingliżi, id-difiża tal-Gżejjer Maltin kienet importanti ħafna?

________________________________________________________________ (2)

6. Għaliex il-kanun tar-Rinella ma tpoġġiex x'imkien ieħor, ngħidu aħna l-Mellieħa jew Għawdex?

________________________________________________________________ (1)



7. Fir-ritratt jidhru linji difensivi mibnija mill-Ingliżi. Kif inhuma magħrufa dawn il-linji?

____________________________________ (1)

8. X'għandhom speċjali dawn il-linji?

______________________________________

____________________________________ (1)

9. Semmi żewġ fortizzi li nsibu matul dawn il-Linji Difensivi:

(a) ________________________________ (b) ________________________________ (2)

10. Illum x'użu jista' jkollhom dawn il-fortifikazzjonijiet?

________________________________________________________________ (2)

**(Total eżerċizzju B = 16-il marka)**

## Ċ: Ikteb sentenza b'kull waħda minn dawn li ġejjin biex turi li taf x'inhuma:

1. OMNIBUS: ________________________________________________________________

________________________________________________________________

2. TRAMM: ________________________________________________________________

________________________________________________________________

3. KALESS: ________________________________________________________________

________________________________________________________________

4. TREJN jew FERROVIJA: ________________________________________________________________

________________________________________________________________

5. TAL-LINJA: ________________________________________________________________

________________________________________________________________

**(2 marki × 5 = 10 marki)**

**D**: **Agħraf l-istil arkitettoniku li bih mibnija dawn u iktbu taħt l-istampa**: Agħżel minn dawn li ġejjin: BAROKK, NEOKLASSIKU, NEOGOTIKU, MODERN.



(a) ________________________



(b) ________________________



(ċ) ________________________



(d) ________________________

**(4 marki)**

**E**: **Sib it-tajba u aqta' sing taħtha**:



1. Skond il-Kummissjoni Rjali ta' l-1836:
   - madwar 90% tal-Maltin kienu illitterati
   - 10% tal-Maltin biss kienu illitterati
   - kien hawn skola f'kull belt u raħal Malti

2. L-Edukazzjoni f'Malta saret obbligatorja:
   - fl-1800 mal-miġja ta' l-Ingliżi
   - qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija
   - wara t-Tieni Gwerra Dinjija

3. Wieħed minn dawn li ġejjin fetaħ bosta skejjel Primarji:
   - Thomas Maitland
   - Kanonku Paolo Pullicino
   - Filippo Sciberras

4. L-Iskola Sekondarja ('il fuq minn 11-il sena) saret obbligatorja
   - wara li Malta ħadet l-indipendenza mill-Ingilterra
   - waqt l-Ewwel Gwerra Dinjija
   - sena wara r-rapport ta' Keenan ta' l-1878

**(4 marki)**

**F**: **Aqra. Imbagħad wieġeb:**

**Aqra**: "Is-subborg ta' Tas-Sliema, li żviluppa matul il-ħakma kolonjali Ingliża, kellu numru ta' toroq, provista ta' l-ilma permezz ta' komunikazzjoni ma' l-Akwedott ta' Wignacourt, id-dawl elettriku li kien wasal f'Mejju 1899 u kien għaddej ix-xogħol fuq is-sistema moderna tad-drenaġġ..........." (silta mill-ktieb: *Tas-Siema 1901-1950* – Winston L. Zammit p. 13)



1. Tas-Sliema huwa **subborg**. Semmi subborg ieħor tal-Belt Valletta.
   ___________________________ (1)

2. Semmi s-subborg ta' l-Imdina.
   ______________________________ (1)

3. Minn fejn kienet tieħu l-ilma Tas-Sliema fl-1900?
   _______________________________
   ______________________________ (1)



4. Fl-istampa tal-lemin jidher akwedott li nbena li żmien il-Ħakma Ngliża. Kif inhu magħruf dan l-akwedott?
   ______________________________ (1)

5. Liema parti ta' Malta bdiet tieħu l-ilma minn dan l-akwedott?
   ______________________________ (1)

6. L-ilma li jasal fid-djar permezz ta' l-akwedott faċli jitħallat mad-drenaġġ u l-ħmieġ. Liema marda kiefra setgħet taqbdek minħabba ilma nfettat mid-drenaġġ. ____________________ (1)

**(6 marki)**

**Ġ**: **Wieġeb billi tikteb waħda mill-ittri A, B, Ċ jew D taħt kull stampa**:

   

__________ ______________ ____________ ____________

1. Ikteb l-**ittra A** taħt: il-Lazzarett - Sptar li kien jintuża għall-mard infettiv bħall-pesta, Il-kolera u t-tuberkolożi.
2. Ikteb l-**ittra B** taħt: l-iSptar Ċentrali għall-Maltin fl-aħħar snin tas-Seklu 19.
3. Ikteb l-**ittra Ċ** taħt: Mater Dei - sptar modern li beda jintuża fil-bidu tas-Seklu 21
4. Ikteb l-**ittra D** taħt: San Luqa l-isptar prinċipali matul il-biċċa l-kbira tas-Seklu 20

**(4 marki)**

**G**: **Għid kif l-istili ta' ħajja u divertiment tal-Maltin fis-Seklu 19 kienu differenti minn dawk tas-Seklu 21.**
**Semmi mill-inqas ĦAMES differenzi.**



______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________ **(10 marki)**

**GĦ**: **Qabbel dawn li ġejjin billi tikteb numri fil-kaxxi l-vojta**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Jonqos it-tkabbir tal-qoton bi qligħ | Żvilupp tat-tarzna max-xatt ta' l-Isla | |
| 2 | Somerset u Hamilton Docks | Bormla | |
| 3 | Jinfetaħ il-Kanal ta' Swejs fl-1869 | Tnaqqis fin-numru ta' suldati Ingliżi stazzjonati f'Malta | |
| 4 | Ekonomija fortizza | Vapuri jieqfu Malta biex jgħabbu l-faħam u proviżjonijiet oħra | |
| 5 | *Rundowns* | Jiżdied il-kummerċ f'Malta kull meta toqrob xi gwerra | |
| 6 | Baċir Numru 1 | Il-bdiewa jibdew jiżirgħu l-patata | |

**(6 marki)**

**Ħ**: **Aqra. Imbagħad wieġeb**:

*Fl-istampa tidher magna ddisinjata minn James Watt u li taħdem bl-istim. Din il-magna hija simbolu tar-Rivoluzzjoni Industrijali.*



1. Semmi invenzjoni oħra marbuta mar-Rivoluzzjoni Industrijali.

   ______________________________________________ (1)

2. Spjega fi kliemek x'nifhmu eżatt meta nsemmu r-RIVOLUZZJONI INDUSTRIJALI?

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (2)

3. Agħti żewġ raġunijiet għala r-Rivoluzzjoni Industrijali bdiet fil-Gran Brittanja:

*Raġuni A*:______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

*Raġuni B*:______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

4. Liema pajjiż minn dawn li ġejjin żviluppa l-industriji tiegħu l-aħħar wieħed?
IR-RUSSJA L-INGILTERRA IL-BELĠJU IL-ĠERMANJA (1)

5. Semmi effett pożittiv (tajjeb) li kellha r-Rivoluzzjoni Industrijali:

______________________________________________________________ (1)

6. Semmi effett negattiv (ikrah) li kellha r-Rivoluzzjoni Industrijali:

______________________________________________________________ (1)

**(10 marki)**

**H**: **Ikteb fuq karta separata madwar 100 kelma** dwar kif it-Tieni Gwerra Dinjija laqtet lill-Maltin. Għid x'perikli għaddejna minnhom, kif batejna, kif iddefendejna ruħna eċċ…… (*l-istampi t'hawn isfel għandhom jgħinuk*)





**(10 marki)**